KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 56

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

It-Tnejn 27 ta' April, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, sabiex tinfurmana li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

56.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

56.1.3 Il-President informa kif ftit tal-minuti qabel ma bdiet din il-laqgħa, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, u s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, infurmaw fuq *whatsapp* b'messaġġ li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa u talba li jiġu skużata. Hu informa kif dawn iż-żewġ membri għandhom jibgħatu ittra t'apoloġija permezz ta' emejl ukoll.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 55 li nżammet nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

56.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 56.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart***

56.3.1 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien irċieva talba għall-estenzjoni mill-avukat tal-Kuntrattur sabiex id-data biex jgħati tweġiba tiġi estiża mill-10 t'April għall-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2026.

56.3.2 Hu spjega kif dan kien ġie ikkomunikat mal-membri kollha permezz ta' emejl u kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun jgħati l-estensjoni mitluba mill-avukat tal-Kunstrattur.

56.3.3 Madanakollu nhar il-Ġimgħa24 ta' Marzu, l-avukat tal-Kuntrattur reġa talab estensjoni oħra peress li l-avukat li qed jieħu ħsieb dan il-każ għadu msiefer.

56.3.4 Fuq proposta tas-Sur Chircop, kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex l-estenzjoni tiġi approvata u din għandha tkun sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss f'Mejju 2026.

56.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser ikunu mressqa għall-approvazzjoni ma' din il-laqgħa, kien hemm qbil sabiex il-pagament dovut lill-kuntrattur għas-servizz mgħoti fix-xahar ta' Frar 2026 għandu jkun maħruġ b'mod sħieħ.

- *Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

56.3.6 B'referenza għal dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun is-Sur Chircop informa kif it-talba mressqa mis-sid kienet ġiet diskussa mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni u anke f'laqgħa ma' l-Onor. Alison Zerafa Civelli u s-Sur Svetlick Flores mill-LESA.

56.3.7 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex il-kirja għall-ewwel sitt xhur minn Awwissu 2026 tkun dik ta' €2,750 umbad is-sitt xhur ta' wara u s-sitt xhur ta' wara l-ammont ikun dak ta' €3,000.

- *Laqgħa Ġenerali Annwali 2026*

56.3.8 Il-President informa kif l-istedina kienet inħarġet mill-uffiċċju lill-Kunsilli Lokali kollha u kif ikun ferm apprezzat jekk is-Sindku preżenti jħeġġu lill-kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi rispettivi tagħhom biex jattendu.

- *TFULIJA*

56.3.9 B'referenza għal dan il-proġett, il-President informa kif dan kien l-ewwel Reġjun li ħa l-inizjattiva li jorganizza seminar ta' informazzjoni dwar dan nhar it-Tnejn 13 ta' April 2026 u irringrazzja lil dawk li kienu preżenti sabiex jifhmu aħjar dak li qed jiġi mitlub minnhom.

- *Regional Football Tournament 2026*

56.3.10 B'referenza għal dan it-tournament, il-President irringrazzja lil dawk li kienu preżenti għall-ftuħ uffiċċjali u lil dawk li kienu preżenti fil-grawnds rispettivi tal-lokalità tagħhom u talab lill-membri irresqu s-suġġerimenti tagħhom biex dan l-avveniment ikun aħjar

56.3.11 Is-Sur Chircop irrimarka li kienet attività ta' suċċess.

56.3.12 *17:19pm – Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, wasal għal din il-laqgħa.*

- *Regional Book Fair 2026*

56.3.13 B'referenza għal din il-fiera, is-Sur Chircop informa kif nhar is-Sibt li għadda kienet għadha kif inżammet it-tieni edizzjoni ġewwa Campus Hub, l-Imsida. Hu informa kif l-NGOs li kienu preżenti ġabru somma sabieħa ta' €488 fejn Health and teach ġabru €183, YMCA ġabru €145.00 u MSPCA Charity Shops ġabru €160. Hu qal ukoll kif din id-darba ibbenifikat aktar minn NGOs waħda u s-somma kienet isbaħ minn dik miġbura s-sena preċedenti, ta' €250.00.

56.3.14 Il-President irrimarka li kienet attività tajba u organizzata tajba ħafna.

- *Premjijiet tal-EWWR ta' WasteServ*

56.3.15 B'referenza għal dan l-avveniment, il-President informa kif nhar l-Erbgħa 22 t'April, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniger ta' l-Ambjent attendew għal dan l-avveniment f'isem dan ir-Reġjun. Il-Kulleġġ Sacred Heart ġie t-Tieni Post minn fost 27 skola parteċipanti. Il-Kunsill Reġjonali Lvant ikkollabora mal-iskola billi qassam il-bookmarks stampati bil-karta taż-żerriegħa fl-Università ta' Malta. Il-Ħwienet tal-Karità tal-MSPCA rebħu l-Kategorija l-Aktar Innovattiva bil-Workshop ReWired E-Waste

f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant. U il-Kunsill Reġjonali Lvant ġie t-Tielet Post fis-Separazzjoni Ġenerali tal-Iskart. Hu informa kif għall-aħħar premju, r-Reġjun ingħata s-somma ta' €2,000 biex isiru f'progett.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

56.4.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda mistoqsija għal din il-laqgħa.

## 56.5 Rapporti

- ***Financial Quarterly Report minn Jannar sa Marzu 2026***

56.5.1 Il-President stieden lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sa Romina Perici Ferrante, sabiex tispjega r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena 2026.

56.5.2 Is-Sa Romina Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun. Hi infurmat kif fil-ġimgħa li għaddiet l-uffiċċju kien għaddej mill-awditjar tas-sena finanzjarja 2025 u kif dan qed jiġi konkluż matul din il-ġimgħa. Hi spjegat ukoll kif fil-ġranet li jmiss r-Reġjun ser ikun qed iressaq l-*audited financial statements* u l-*Management Letter*.

56.5.3 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri preżenti, dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

56.5.4 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u ġiet muitluba tiskuża ruħha mill-laqgħa.

- ***Rapporti tal-Manigers***

56.5.5 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti tal-Maniġers tar-Reġjun. Liema rapporti kienu meħuda bħala moqrija peress li dan kienu ntbagħtu lis-Sindki ma' l-Aġenda ta' din il-laqgħa.

56.5.6 Dawn ir-rapporti ġew approvati u ma kienx hemm kummenti mressqa mill-membri preżenti.

## 56.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

56.6.1 Il-President informa kif nhar l-Erbgha 1 t'April 2026, dan ir-Reġjun kien irċieva l-allokazzjoni finanjarja 2026 ta' €1,068,476.17 li fiha tkopri wkoll il-ħlas tal-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart.

- ***Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u Riformi***

56.6.2 Hekk kif kien imsemmi fil-laqgħa preċedenti, dan ir-Reġjun żamm laqgħa ma' l-Onor. Rebecca Buttiġieg, nhar il-Ġimgħa 10 ta' April 2026 sabiex tiġi mressqa din il-proposta. Il-President informa kif l-Onor.

Butigieg għoġbita l-kunċett u qed nistennew risposta lura dwar kif dan il-proġett jistà jsir u t-tema li tistà tintuża.

- *European Week of Regions and Cities 2026*

56.6.3 L-edizzjoni ta' din is-sena fi Brussel ser tinżamm bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru 2026. Ir-Reġjun ser ikun qed jibgħat komunikazzjoni uffiċċjali sabiex joffri li jiġu mħalsa l-biljetti ta' l-ajru għal żewġ Sindki u Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Ser tkun qed tattendi l-maniġer tal-fondi tar-Reġjun ukoll u ser tkun qed tikkoordina din iż-żjara.

56.6.4 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil sabiex din is-sena r-Reġjun iħallas il-biljett ta' l-ajru ta erbgħa Sindki jew rappreżentanti li jattendu l-laqgħat f'isem il-Kunsill, kif ukoll żewġ Segretarju Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun flimkien mas-Sa Martina Sammut. Dan peress li s-sena preċedenti kien tard wisq biex ir-Reġjun jieħu ħsieb l-organizzazzjoni għal din l-opportunità. Kien hemm qbil li l-Kunsill rispettiv ikollu jħallas it-*travel subsistence allowance.*

56.6.5 Kien hemm qbil ukoll li l-ewwel preferenza għandha tingħata lil dawk li matul l-aħħar tliet snin ma kellhomx l-opportunità li jattendu din il-konferenza.

56.6.6 Is-Sur Chircop informa kif komunikazzjoni dwar dan ser tintbagħat uffiċjalment l-għada ta' din il-laqgħa.

- *Community Support Scheme 2026*

56.6.7 B'referenza għal din l-iskema, il-President informa kif nhar it-Tlieta 14 ta' April 2026 dan ir-Reġjun ġie infurmat li l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa għal dan il-għan kienet ġiet approvata u għaldaqstant ir-Reġjun ikkwalifika għall-fond ta' €15,464.00.

- *Live Streaming tal-laqgħat*

56.6.8 Il-President informa kif is-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa msejħa mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali sabiex tagħti spjegazzjoni għalfejn il-laqgħat tar-Reġjun ma jiġux mxandra dirett u ma jittellax filmat tal-laqgħat *on demand.*

56.6.9 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex jinxtara l-apparat u jsiru l-arranġamenti neċessarji sabiex dawn il-laqgħat jibdew jiġu mxandra *live* kif ukoll *on demand.*

- *Regional Cultural Cooperation Programme*

56.6.10 B'referenza għal dan il-programm, is-Sur Chircop informa kif nhar it-Tlieta 7 t'April 2026 dan ir-Regjun kien ġie infurmat mill-Kunsill Malti għall-Arti li dan ġie sospiż għal din is-sena. Hu fakkar lill-membri kif dan il-fond kien intuża sabiex sar *tour* Reġjonali fl-2024 u *Chapel Trail* fi żmien il-Milied 2025. Hu informa kif dan ir-Reġjun talab laqgħa mal-President Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Arti, is-Sur Luke Dalli sabiex din tiġi diskussa. Aġġornament dwar dan ser tingħata fil-laqgħa li jmiss wara li tkun inżammet din il-laqgħa.

- *Community Support Scheme 2026*

56.6.11 B'referenza għal din l-isema, dan ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ngħataw €15,000 fondi għall-proġett bl-isem 'Flow' li jinkludi rivitalizzazzjoni tat-taraġ li jinsab bejn Triq il-Vitmu tal-Gwerra U Triq Mannarino.

56.6.12 Hu żied jgħid kif nhar il-Ġimgħa 24 ta' April 2026 il-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Borg Brincat, flimkiena mal-Maniġer tal-Fondi Lokali u ta' l-UE, is-Sa Sammut, kienu preżenti f'isem dan ir-Reġjun għall-għotja ta' dan il-fond.

- *ELoGe*

56.6.13 B'referenza għal din it-tabella, il-President fakkar lil dawk il-kunsilli li qed jipparteċipaw f'din l-iskema biex iqassmu s-*surveys* tar-residenti, u biex jimtlew is-*surveys* tar-rappreżentanti eletti.

- *Bridges of Trust – Twinning Ukraine*

56.6.14 Il-President informa kif dan ir-Reġjun qed jipparteċipa b'mod proviżorju f'dan il-programm li qed jiġi offrut mill-AKL. Hu faker kif dan il-programm joffri opportunitajiet ta' ġemelaġġ mar-Reġjun Ukren u kif il-profil ta' dan ir-Reġjun kien ġie approvat fuq il-pjattaforma u qed jiġu eżaminati msieħba potenzjali. Aktar dettalji jingħataw meta jkunu disponibbli.

- *lVANt*

56.6.15 B'referenza għat-tielet edizzjoni ta' dan il-proġett, il-President informa kif il-preparament mixjin u l-ewwel prestazzjoni ser tinżamm fil-5 ta' Lulju 2026 u l-aħħar waħda ser tkun fit-8 t'Awwissu 2026.

56.6.16 ***17:46pm – Il-Kunsilliera tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.***

- *Talba mir-Reġistratur tat-Tribunal Lokali*

56.6.17 Il-President informa kif nhar it-Tnejn 20 ta' April, is-Segretarju Eżekuttiv kienet ġiet ippreżentata b'talba mressqa mir-Reġistratur tat-Tribunal Lokali dwar l-użu tal-karozza personali sabiex tinżel l-uffiċċju tat-Tribunal matul il-ġimgħa meta jkun hemm is-seduti.

56.6.18 Il-President qara t-talba mressqa u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq il-punti tagħha dwar dan.

56.6.19 Wara diskussjoni dwar dan mill-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv titkellem mal-LESA u mat-tribunali lokali oħra biex tara jekk kienx hemm prassi differenti minn dawk meħuda minn dan ir-Reġjun.

- *Sessjoni ta' informazzjoni dwar fondi*

56.6.20 Il-President informa kif l-Maniġer tal-Fondi qed torganizza din is-sessjoni għall-kunsilliera u l-impjegati tagħna.

56.6.21 Hu fakkar kif din se tkun it-tieni edizzjoni u se jkollna preżenti rappreżentanti minn SEM u l-SPI, kif ukoll kelliema dwar opportunitajiet mill-ESF+, l-EUI u l-URBACT.

56.6.22 Hu informa kif din is-sessjoni se tinżamm fil-25 ta' Mejju bejn l-10:00 am u nofsinhar, fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Madanakollu kien hemm qbil sabiex din tiġi skedata għal aktar ‘il quddiem peress li aktarx ser tkun fil-ġimgħa ta’ l-elezzjoni Ġenerali ta’ Malta.

- *Użu tal-Pixxina, Neptunes*

56.6.23 Dalgħodu dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand il-Perit Andrea Sammut dwar il-kuntratt li dan ir-Reġjun għandu **man-Neptunes** sabiex anzjani minn 60 sena-il fuq jghamlu użu b’xejn mill-pixxina msaħħna bejn Ottubru u Mejju ta’ kull sena.

- *Kwotazzjonijiet*

56.6.24 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura mill-uffiċċju amministrattiv. Liema kwotazzjonijiet kienu ġew iċċirkulata mal-membri qabel din il-laqgħa.

56.6.25 Il-President informa kif l-uffiċċju kien ġabar kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm sistema tas-*sound* għall-proġett ‘lVANt’ 2026 u kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti fuq l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Costa Consulta għall-prezz ta’ €10,209.15.

56.6.26 Il-President informa kif l-uffiċċju kien ġabar kwotazzjonijiet sabiex jinkera vann għall-proġett ‘lVANt’ 2026 u kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti fuq l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Man with a Van għall-prezz ta’ €4,248.00.

56.6.27 Il-President informa kif l-uffiċċju kien ġabar kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm sistema tad-dawl għall-proġett ‘lVANt’ 2026 u kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti fuq l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Costa Consulta għall-prezz ta’ €4,071.00.

56.6.28 Il-President informa kif l-uffiċċju kien ġabar kwotazzjonijiet sabiex ikun purtiera kif ukoll *wrapping* mall-vann għall-proġett ‘lVANt’ 2026 u kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti fuq l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand PXL Designs and Prints għall-prezz ta’ €1,386.50.

56.6.29 Il-President informa kif l-uffiċċju kien ġabar kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm videografu għall-proġett ‘lVANt’ 2026 u kien hemm approvazzjoni mill-membri preżenti fuq l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Testa and Tesmar għall-prezz ta’ €660.00.

## 56.7 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Reġjonali Lvant

56.7.1 B’referenza għal dan, il-President informa kif id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed titlob lil dan ir-Reġjun sabiex jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

56.7.2 Hu qal kif qed jiġi rrakomandat il-Maniġer tal-Kultura, is-Sur James Hamberger, għal din il-pożizzjoni.

56.7.3 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni b’mod unanimu.

## 56.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

56.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

56.8.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, sekondat mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 53A u 53B.

55.8.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 56.9 Mozzjonijiet

56.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 56.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2026, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 11 ta' Mejju, 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |